ŻABBAR
Città Hompesch

**Minuti tat-384 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 18 ta' Mejju, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton.

Il-Viċi Sindku s-Sur John J Pace u s-Sinjuri Mark Grech kienu skużati.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fid-disa' paragrafu ta' paġna 184 wara l-kliem 'jsir *patching*' jiżdied 'fi Triq il-Qalb Imqaddsa bejn'.

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-383 laqgħa kif emendati.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk setax jaċċetta l-offerta tal-Kumpanija *Vella Group Limited* għal xogħol ta' *resurfacing* taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership* (ZLC 1/2011) peress illi l-offerent naqas milli jippreżenta *Bid Bond* bankarja mal-offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien ġie nfurmat mid-Dipartiment li din l-offerta ma setgħetx tiġi milqugħa għax seta' jinħoloq preċedent. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kif kien deċiż kienet inħarġet sejħa għall-offerti ġdida liema sejħa tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, 2011.

Is-Sur Pisani staqsa jekk is-Sur Pace kienx ippreżenta rendikont tal-infiq li kien ser isir għall-attivita` Lejla fil-Belt Hompesch. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Pisani rrimarka li għalkemm din l-istima ġiet mitluba mill-Kunsill sa llum, jumejn qabel din l-attivita', din l-istima baqgħet ma' ġietx ippreżentata.

Is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill dwar il-proposta li kienet saritilha biex jiġu organizzati *baby sensory* u *development classes*. Il-Kunsill issuġġerixxa li l-organizzatriċi tinforma lill-Kunsill dwar il-perjodu li għalih qed tintalab is-sala peress li bħalissa din qed tintuża għall-korsijiet ta' tagħlim tul il-ħajja għall-adulti kif ukoll għal attivitajiet oħra.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jitla' flimkien mal-artist Emanuel Fenech għall-attivitajiet li ser isiru f'Eschborn inkluz il-wirja ta' pittura tal-artist Żabbari. Is-Sur Agius qal li s-Sur Buhagiar ma setax ikun preżenti minħabba mpenji oħra.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill baqa' ma rċeviex informazzjoni mill-Kunsill ta' Montgeron dwar il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ li kien ser issir f'Lulju li ġej f'Bourboule fi Franza. Is-Sur Bonnici ppropona li din is-sena l-Kunsill ma jipparteċipax f'dan il-Kamp peress li ma kienx fadal bizzejjed żmien biex il-grupp jipprepara tajjeb għall-kamp u ppropona li l-Kunsill jinforma b'din id-deċizjoni lill-Kunsill ta' Montgeron. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jinforma lill-Kunsill ta' Montgeron b'din id-deċizjoni.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-kuntrattur għas-servizz ta' tindif, żamma u manutenzjoni tas-*soft areas, roundabouts,* qsari u żbir ta' siġar f'Ħaż-Żabbar u qal li bħala kunsillier responsabbli minn dan il-qasam kien ser jara li jwettaq ix-xogħol tiegħu bl-aħjar mod.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-*Middlesea Insurance plc* permezz ta' *Allcare Insurance Brokers* għall-ħlas ta' €37 għal kull persuna li tidħol fl-iskema. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill iġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-ħaddiema kollha. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma' dan it-tiġdid. Is-Sur Buttigieg talab li tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-polza tal-assigurazzjoni ta' saħħa għall-kunsillieri.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-fondazzjoni OASI dwar iċ-Ċerimonja Nazzjonali ta' Żagħżugħ/a tas-Sena li ser isir fis-26 ta' Novembru 2011. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi din il-korrispondenza lill-Kunsill taż-Żgħażagħ sabiex fl-eventwalita li jridu jsiru xi nominazzjonijiet, dawn ikunu jistgħu jitressqu quddiem il-Kunsill.

Inqrat Memo 41/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar taħriġ għall-impjegati tal-libreriji pubbliċi li ser jingħata għal ħlas ta' €60 għal kull parteċipant. Is-Sur Bonnici ppropona li l-librara tal-Kunsill is-Sinjura Mary Grace Vassallo tattendi għal dan it-taħriġ. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sinjorina Sarah Craus ġiet magħzula biex tipparteċipa fil-proġett INTACT. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-biljett tal-ajru jiswa €350. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas il-biljett tal-ajru biex is-Sinjorina Craus tirrapprezenta lil Ħaż-Żabbar f'dan il-Proġett tal-Unjoni Ewropeja.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċju tal-Prim Ministru dwar l-operat u l-permessi tal-funderija *Hompesch Steel* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-*environmental permit* għall-operat tal-funderija kien inħareġ fid-29 ta' Ottubru 2010 għall-perjodu ta' sitt xhur. Is-Sur Bonnici qal li r-residenti taż-żona qed jilmentaw dwar l-inkonvenjenzi li qed jinħolqu riżultat tat-tħaddim ta' dan l-impjant. Is-Sur Pisani ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob is-servizz ta' nies tekniċi u esperti fil-qasam sabiex l-ilmenti tar-residenti jitressqu bl-aħjar mod. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Perit tal-Kunsill ikun il-persuna li jikseb l-informazzjoni neċessarji. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tintalab informazzjoni dwar jekk il-Kunsill jistax iressaq talba formali biex issir *Public Hearing* dwar din l-applikazzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Brian Craus fejn irringrazzja lill-Kunsill għall-intervent tiegħu biex jiġu solvuti l-ilmenti li hu kien ressaq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita` tad-Djar dwar il-laqgħat li saru mar-residenti dwar il-pjan ta` manutenzjoni għall-binjiet tal-Gvern. Il-Kunsill ġie mitlub mill-Awtorita` jibgħat id-dettalji sa nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2011.

Fit-8.05 ta' filgħaxija s-Sur Plumpton talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* dwar l-approvazzjoni sabiex tiġi spustjata *boarding bay* fi Triq il-Kbira faċċata tal-iskola St Angela.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-iskola Sekondarja tas-Subien tal-Marsa fejn is-Sindku ġie mistieden għaċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet li ser issir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Mejju, 2011. Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet ssekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tas-Surmast li jingħataw tlett kopji tal-ktieb *Żabbar - A Living History* biex jingħataw lill-istudenti Żabbarin f'Jum il-Premjazzjoni.

Inqrat Memo 44/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet *lifelong learning*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi din l-ittra lill-Kunsillier Robert Buhagiar bħala l-persuna responsabbli mil-qasam edukattiv.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel – Zabbar fejn is-Sindku u l-Kunsillieri ġew mistiedna għall-ftuħ ta' esebizzjoni *Images Tell the World* li ser isir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Mejju, 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Paroċċa Madonna tal-Karmnu Fgura fejn intalab il-permess tal-Kunsill sabiex nhar is-Sibt, 9 ta' Lulju, 2011 u l-Ħadd 10 ta' Lulju, 2011 Triq il-Kunsill tal-Ewropa tingħalaq għat-traffiku sabiex ikun jista' isir il-ħruq tan-nar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tingħalaq it-triq matul il-ħinijiet li jkun qed jingħata n-nar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni tal-Enemalta fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ser tinħareġ *tender* sabiex issir *substation* fi Triq l-Inkurunazzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ fejn talbu lill-Kunsill li tinxtara s-sensiela ta' kotba Kullana Kulturali għal-librerija pubblika. Is-Sur Pisani ppropona li l-Kunsill jaċċetta din it-talba. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn il-kotba.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn residenti ta' Triq ix-Xgħajra li qed jitolbu biex tiġi rranġata l-bankina quddiem ir-residenza Albatross li hemm fl-istess triq. Is-Sindku qal li kien se jmur mal-Perit tal-Kunsill biex tiġi spezzjonata din il-bankina.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Calleja li rringrazzja lill-Kunsill talli ntroduċa sistema ta' *one way* fi Triq il-Kapuċċini.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier Mark Grech dwar is-sinjali u t-tabelli li twaħħlu fi Triq il-Kapuccini fuq l-approvazzjoni ta' *Transport Malta*. Is-Sur Grech qal li kien se jmur fuq is-sit mal-Perit sabiex isiru xi tibdiliet żgħar li hemm bżonn. Is-Sur Pisani ssuġġerixxa li jkun aħjar kieku ssir *roundabout* fil-fetħa ta' Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kappuccini biex jiġi evitat il-periklu li hemm fil-preżent.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kulleġġ Santa Margerita tas-subien fejn il-Kunsill intalab donazzjoni ta' €40 u l-Kunsill jagħmel messaġġ fil-magazin tal-iskola. Is-Sindku qal li t-talba li qed jagħmel il-Kulleġġ ma tistax tiġi milqugħa minħabba l-fatt li mhux possibli li jingħataw donazzjonijiet. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

- Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' April 2011 li kien jammonta għal €100. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn il-25 ta'April, 2011 u l-20 ta' Mejju, 2011 li kien jammonta għal €64103.62. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Ottubru 2010 – Diċembru 2010. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Sindku ppropona li minħabba x-xogħol ta' rinovazzjoni taċ-Ċentru Ċiviku u l-bini amministrattiv tal-Kunsill ikun aħjar li jitneħħew il-pitturi u x-xogħlijiet artistiċi li hemm imwaħħlin fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-pitturi jitneħħew u jingħataw lura lill-artisti.

Is-Sindku semma l-attivita` sportiva li Kunsill ser jagħmel nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2011 u ppropona li l-Kunsill jagħti tifkira ta' parteċipazzjoni lill-parteċipanti li ser jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni ta' *snooker*. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Ambjent fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-fondi taħt *Urban Improvement Fund* biex jiġi ffinanzjat parti mill-proġett ta' installazzjoni ta' lift fiċ-Ċentru Ċiviku, kienet ġiet approvata u l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €70,000 għal dan il-proġett.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jinżebgħu l-bankijiet li hemm fi Triq il-Kittien ma' Triq Santa Duminka.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li jinżebgħu mill-ġdid il-marki tat-traffiku fi Triq il-Vittorja.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jinqata' u jinġabar il-ħaxix li hemm fis-*soft areas* ta' Misraħ Alofju Wignacourt.

Is-Sur Buttigieg qal li kien ġie nfurmat li fi żmien qasir kien ser jibda x-xogħol ta' *resurfacing* mill-Gvern Ċentrali fi Triq tal-Labour u Triq Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li l-*cameras* fil-*playing fields* tal-*Housing Estate* kienu ġew vandalizzati kif ukoll li kien hemm fanal imkisser u ieħor nieqes fil-*playing field* tal-Qasam tad-Djar.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar flimkien mal-Kunsill ta' Eschborn u l-Kunsill ta' Pavoa` De Varzim ġie organizzat proġett għall-persuni bi bżonnijiet speċjali f'Eschborn, il-Ġermanja bejn is-16 ta' Mejju 2011 u it-22 ta' Mejju 2011. F'dan il-proġett il-Kunsill kien irrappreżentat minn żewġ żgħażagħ u *carer*.

Is-Sur Bonnici semma l-possibililita` li l-Kunsill jikseb aktar fondi minn skemi u proġetti tal-Unjoni Ewropeja.

Is-Sur Pisani qal li kienu qed isiru laqgħat biex jinġiebu fondi minn proġetti bħal *Youth in Action* u dan qed isir flimkien ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi fosthom *Friends on the Earth.* Is-Sur Pisani qal li l-Kunsill irid joħroġ 20% u f'ħafna minn dawn il-proġetti l-Kunsill mhux dejjem ikun jista' jidħol għal proġetti ġodda u jiffinanzja l-parti tiegħu, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-prijorita' tal-Kunsill kienet l-infrastruttura.

Is-Sur Pisani qal li kellu wkoll laqgħa dwar il-Grupp Azzjoni Lokali (GAL Xlokk) u qal li s-Sur Silvio Schembri kien lest jagħmel laqgha mal-Kunsill qabel il-laqgha li jmiss.

Is-Sur Pisani qal li min ikun jixtieq japplika għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja huwa liberu li jagħmel dan wara li jinnotifika u jġib l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Pisani ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mar-rapprezentanti tal-GAL.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill ta' Povoa` De Varzim ser jorganizza esebizzjoni tal-arti f'Mejju tal-2012. Is-Sur Bonnici ppropona li l-Kunsill jipparteċipa billi joħroġ sejħa tal-offerti għall-artisti Żabbarin li jridu jipparteċipaw f'din l-attivita`. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'din l-attivita`.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li tiġi mnaddfa u rranġata art mitluqa li hemm fi Triq l-Għollieq ma' Triq il-Luq.

Is-Sur Bonnici ppropona sabiex tinxtara is-sensiela ta' Kotba Soċjalisti biex din tkun ukoll fil-librerija tal-Kunsill għad-dispozizzjoni tal-qarreja. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn il-kotba.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li jitnaddfu l-*culverts* li hemm fi Triq Lia.

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar is-suq fil-beraħ tal-Misraħ u qal li hemm madwar sebgħin bejjieh li jarma f'dan il-post. Is-Sur Buttigieg qal li fl-opinjoni tiegħu għandha tinstab soluzzjoni biex is-suq ikun organizzat aħjar. Dan jista' jsir permezz ta' laqgħat mal-partijiet kollha konċernati.

Is-Sur Pisani semma l-bżonn li xogħol tal-ħaddiema li jaħdmu fuq barra li huma assenjati mal-Kunsill taħt il-*Community Work Scheme* kif ukoll tal-IPSL ikun organizzat aħjar sabiex tizdied l-effiċjenza. Is-Sur Pisani ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv iħejji pjan biex issir din l-organizzazzjoni, ikun hemm qbil dwar pjan ta' xogħol u jsir rapport tax-xogħlijiet li jkunu saru. Is-Sur Pisani qal ukoll li għandha ssir evalwazzjoni tas-sistema tal-*customer care* biex din tkun waħda aktar effettiva u effiċjenti. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-385 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju, 2011.

Domenic Agius
Sindku